

# Salus Infirmorum

## Saħħa tal-Morda

### Il-Kwadru li jagħti l-faraġ u s-sabar

■ *Jessica Xerri*

Id-devozzjoni lejn il-Madonna fix-xbieha antika tal-mirakoluża ta Salus Infirmorum meqjuma fil-knisja arċipretali tagħna qiegħda dejjem aktar tikber u tinxtered ma' Malta u Għawdex. Kull sena fix-xahar ta' Settembru nagħtuha qima speċjali b'festa devota biex ngħidulha grazzi għal tant grazzji li taqlagħlna, u biex nitolbuha tkompli tfejjaqna, tfarraġna, tgħinna u tħarisna f'kull bżonn matul ħajjitna. Wara quddiesa bi priedka, toħroġ il-purċissjoni bil-kwadru. Saċerdoti, fratelli, abbatini flimkien mal-poplu Għawdxi u anke Malti b'devozzjoni kbira jimxi wara dan il-kwadru mirakoluż biex nirringrazzjaw lil Alla u lil Ommu Marija għal tant grazzji li jagħtuna.

Din is-sena l-festa ta' Salus Infirmorum ħabtet ma' l-għeluq ta' sena ta' ħidma pastorali ta' Fr. Martin Cilia mssp fil-komunita' Parrokkjali tal-Qala. B' ringrazzjament għall-ħidma li wettaq maż-żgħażagħ, mal-morda, mat-tfal u mal-familji tagħna u l-mod kif wassal il-kelma ħajja li tmiss il-qalb, saret konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lil Alla u b'talb b'interċessjoni tal-Madonna 'Saħħa tal-Morda' bil-priedka minn Fr. Martin innifsu.

Għalkemm matul l-ewwel parti tal-ġurnata ma kontx taħseb li l-purċissjoni kienet ser tirnexxi minħabba l-maltemp u r-riħ, it-temp ried li l-Madonna toħroġ, f'purċissjoni 'Aux Flambeaux' mat-toroq tas-soltu. B'rispett in-nies ta' l-inħawi żejnu t-twieqi jew galleriji b'xi kwadru tal-Madonna. Folla kbira mxiet bl-akbar ġabra, jirreċtaw ir-Rużarju u jkantaw innijiet Marjani. Kultant il-'Boys Scouts' daqqew il-'bugles' u komplew mal-organizazzjoni mill-aqwa li nħasset matul il-purċissjoni kollha. Din il-festa daħlet f'qalb mhux biss il-poplu tal-Qala imma anke f'qalb l-Għawdxin u l-Maltin.

Ix-xbieha tal-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha taħt it-titlu 'Saħħa tal-Morda' sar iċ-ċentru ta' devozzjoni Marjana fost eluf ta' devoti, speċjalment morda f'Malta u f'Għawdex. Mijiet ta' Santi bit-talba:

**Omm qaddisa tal-Kbir Alla**
**Taħt il-mant tiegħek ilqagħna!**
**La tirruftax it-talb minn tagħna**
**Fil-ħtiġijiet kollha tagħna!**
**Dana lilek aħna ngħidu:**
**O Marija, kun dejjem magħna!**
**Mill-periklu inti ħarisna,**
**Bit-talb tiegħek int qaddisna,**
**Kun magħna dejjem pjetuża,**
**O Verġni Mbierka u Glorjuża!**

(Jinghadu : 3 Ave Marija u Salve Regina)

jiġu mqassma ma' l-erbat irjieħ ta' Malta u Għawdex u anke sa pajjiżi 'l bogħod. Sena wara l-oħra d-devozzjoni lejn dan il-kwadru kibret u dan nafuh mill-ittri bi grazzji maqlugħa. Id-domni u s-santi li jintalbu mid-dar parrokkjali biex jinqassmu għad-devozzjoni f'Għawdex, f'Malta u anke barra minn Malta jkompli juri dan kollu. Mijiet ta' nies jiġu jżuruha, mijiet ta' nies iqassmu xbihat tagħha għax taqla' l-grazzji. Ix-xbihat tagħha waslu fil-familji, fl-isptar, fuq il-post tax-xogħol, fil-ħwienet. Ħafna nies jiġu jfittxu lis-Salus Infirmorum, jidħlu l-Knisja jinxteħtu għarkobbtejhom u jitolbuha. *Grazzi Madonna jixraqlek kull qima.*

Fost il-mijiet ta' ittri li qrajt fuq ir-rivista 'Leħen il-Qala' kienu dawn li laqtuni: Ftit ta' snin ilu tfajla ta' 13 -il sena, mardet gravi ħafna b'marda l-iktar krudila, li ftit jew xejn setgħet tfiq minnha. Din ġiet mogħtija santa ta' Salus Infirmorum li żammet ħdejha l-ħin kollu anke fl-isptar u bit-talb li talbu lill- Madonna, it-tifla reġgħet bdiet tgawdi ħajja normali.

F'ittra oħra ġuvni li daħal għall-operazzjoni, id-demm ma ried jieqaf b'xejn, fil-fatt tawh ħmistax -il 'unit'

demm u xorta baqa' jitlef id-demm. F'ħin ta' biża' beda jitlob lis-Salus Infirmorum u ftit tal-ħin wara, id-demm waqaf għal kollox. It-tobba li kienu jassistu miegħu baqgħu skantati kif waqaf hekk ħesrem.

Ħafna nies għandhom modi differenti kif ixerrdu d-devozzjoni lejn Salus Infirmorum. Meta jasal il-Milied u jiġu biex jibagħtu l-kartolini tal-Milied dawn ipoġġu xi Santa tal-Madonna tas-Saħħa milli jkollhom żejda lill-Emigranti tagħhom. Oħrajn meta jkollhom għax jidħlu fl-isptar, jħallu xi santa fil-kamra meta tasal il-ġurnata tal-ħruġ. Anke meta jmorru xi safra jieħdu magħhom santi bit-talba bl-Ingliż u dawn jitħallew ġo bankijiet fil-knejjes tal-post li jżuru.

Kelli l-opportunita' nitkellem ma' persuna anzjana u qaltli storja li turi li d-devozzjoni lejn dan il-kwadru mirakoluż ilha tinħass.

Jgħid l-anzjan li missieru kellu kundizzjoni ta' ħafna fellul kbar f'idejh, imdaqqsin mhux ħażin. Ra tabib għax il-kundizzjoni kienet vera li tistmerrha. It-tabib dak iż-żmien ma seta' jagħmel xejn u qallu li l-kundizzjoni li kellu se jkollu jeħodha miegħu l-qabar, fi kliem ieħor ma kellux fejqan. Ikompli jgħid li missieru kien għamel wegħda lill-Madonna tas-Saħħa u dawk il-fellul toħroġ l-għaġeb bit-talb u l-fidi li kellu, marrulu. Bħall-istorja ta' dan l-anzjan hemm ħafna u l-lista ta' grazzji maqlugħa hi twila ħafna, *Grazzi Mulej.*





L-istorja ta' dan il-kwadru hija storja nteressanti ħafna. Fis-sena 1871 il-Garibaldini ħabtu għal Ruma u ħaduha minn idejn il-Papa Piju IX li dan imbagħad safa' priġunier fil-Vatikan sa meta miet. Il-Garibaldini, nies bla kuxjenza kienu daħlu fi knejjes u kasbru affarijiet sagri, wieħed minnhom kien kwadru tal-Madonna. Dak iż-żmien fid-djoċesi t'Għawdex kellna lit-tieni Isqof Mons. Anton Grech Delicata. Huwa kien devot kbir tal-Madonna. Meta sema' b'dan is-sagrileġġ, xtaq li anke d-djoċesi t'Għawdex tpatti ftit għal dak li kien ġara. Meta mar Ruma talab lill-pittur magħruf Taljan Kav. Pietro Gagliardi biex jagħmillu kopja eżatta bħal dak li kien diġa' hemm meqjum fil-knisja ta' Santa Maria in Gianicolo f'Ruma. L-arti ta' dan l-artist kienet waħda li tidħol tajjeb fil-gosti tal-kleru Malti u għalhekk issib pittura tiegħu fl-aqwa knejjes Maltin. Meta Salus Infirmorum tlestiet u waslet Għawdex, l-Isqof Delicata rregalaha lis-Santwarju Nazzjonali tal-Kunċizzjoni tal-Qala. Hu kien jiġi jinvistah kważi kuljum u ħafna drabi anke bil-mixi. Min jaf kemm –il darba qal it-talba ma' gzuz ta' pellegrini minn kull naħa t'Għawdex mixħutin għarkobbtejhom bi tpattija għal dak li kien ġara mill-Garibaldini.

**Insellmulek ja Marija**
**Bit-tbissima ħelwa ta' Salus Infirmorum**
**Kemm kont ixxurtjata**
**Ġejt imfaħħra u onorata**
**Fit-tempju tal-Kunċizzjoni Immakulata**

*(Wara kienu jgħidu 9 Ave Maria u s-Salve Regina)*

Dan il-kwadru ġiegħel lil missirijietna jaħsbu biex tinbena knisja ġdida, dan għaliex wara li l-kwadru ġie mogħti mill-Isqof Anton Grech Delicata fl-1873, il-pellegrinaġġi għas-Santwarju saru iktar spissi, allura beda jinħass li kien hemm bżonn tempju ġdid fir-raħal. Għalhekk fl-1882 beda xogħol għall-bini ta' knisja ġdida. Meta l-knisja Parrokjali tlestiet ma kellhiex ħlief erba' ħitan u saqaf, allura xi oġġetti li kellhom bżonn inġabu mis-Santwarju u l-kwadru tal-Madonna tas-Saħħa kien wieħed mill-oġġetti. Fil-parroċċa hu miżmum b'għożża kbira fuq l-altar tal-Madonna taċ-Ċintura u qiegħed espost għall-qima tal-fidili.

Ħafna funzjonijiet speċjali saru f'ġieħu matul is-snin. Fl-1949 ħabat il-kungress Marjan t'Għawdex meta l-kwadru nġarr proċessjonalment mill-knisja parrokjali għall-Kunċizzjoni u tpoġġa fuq l-altar fejn saret il-quddiesa. Fi Frar tas-sena 2000 inħareġ il-kwadru f'pellegrinaġġ fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Morda li ħabat mal-festa tal-Madonna ta' Lourdes. Il-perfezzjoni ta' dan il-kwadru tixdhu l-ħarsa tal-Madonna, li minn kull naħa li tħares lejha, taraha tħares lejk.

*Tagħrif meħud minn 'Ġrajjiet il-Qala' ta' Anton Buttiġieġ P.E.P. u 'Leħen il-Qala'*

